MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru. 1014/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**STEPHANIE BREWER**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephanie Brewer ta' 22 sena, bint Michael JAmes u Theresa nee' Gatt, mwielda Pieta nhar it- 30 ta' Awwissu 1986, u residenti fil- fond4 Moet, Triq id- Dwieli (Bahar ic-Caghaq) Naxxar, detentrici ta' Karta tal-Identita' bin-numru 563886(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 26 ta' April 2008 ghal habta tas- 1.15am gewwa Triq Nazzjonali Floriana waqt li kienet qed issuq vettura tal- ghamla Seat Ibiza bin- numru tar-registrazzjoni personalizzat S Brewer (HBE- 176):

1) B'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kienet involuta f' incident stradali bil- konsegwenza li ikkagunat offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Caroline Yvonne Perry detentrici tal- karta tal-identita' bin-numru 566187M kif ukoll griehi ta' natura hafifa fuq il- persna ta' Luke Muscat detentur tal- karta tal-identita' bin- numru 562489M u Adam John Mifsud detentur tal- karta tal- identita' bin- numru 360085M;

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, saqet l- istess vettura bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkunsidra sew din l-ammisjoni taghha;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jittratta incident awtomobilistiku li sehh fid-data, lok u hin indikati, fejn l-imputata, li kienet qed issuq il-vettura imsemmija, tilfet il-kontroll u habtet ma' sigra b' velocita' qawwija, tant li kemm hi kif ukoll il-passiggieri riekbin maghha sofrew griehi serji hafna. B'xorti tajba, hadd mill-persuni fil-vettura ma' sofra debilita' permanenti, minkejja l-gravita' tal-incident. Ma jidherx li l-imputata tilfet

il-kontroll tal-vettura taghha minhabba f'xi haga 'il barra mill-kontroll taghha, izda l-incident sehh purament minhabba s-sewqan traskurat u perikoluz taghha, b' velocita' esagerata. Ghalhekk l-imputata wahedha hija unikament responsabbli ghal dan l-incident.

Il-Qorti, fl-istess waqt, tosserva li l-imputata hi ta' eta' tenera hafna, u ghandha fedina penali ghal kollox netta, u l-Qorti giet infurmata li l-persuni kollha li kienu riekbin maghha fil-vettura taghha qeghdin jirrinunzjaw ghal kull pretensjoni kontra taghha. Tant hu hekk li l-istess persuni baqghu hbieb sew mal-imputata, u gie esebit fl-atti ta' din il-kawza document li juri dan. Ghalhekk, minkejja l-gravita' tal-istess incident, in vista ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li m' ghandhiex taghti piena li tirrestringi l-liberta' tal-imputata, l-anqas bhala sentenza ta' prigunerija sospiza. L-anqas, izda, m'ghandha tigi applikata xi disposizzjoni tal-Kap 446, ghax l-imputata m'ghandhiex bzonn sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation, u l-anqas ma ghandha tinghata liberta' kundizzjonata. Ghalhekk, il-piena idoneja ghandha tkun il-multa, flimkien mas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' sena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 225, 226(1)(b) tal-Kapitolu 9, u 15 tal-Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundanna multa ta' elfejn Ewro (€2,000) waqt li tiskwalifika l- licenzja tas- sewqan ghal sena.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------